MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 809/1980/2

Antonio, Maria, Girolamo, Francesco u Josephine aħwa **PAĊE**; u b'dekriet ta' l-14 ta' Lulju, 1998, l-atti ġew trasfużi f'isem Brian Grima billi Josephine Grima *nee'* Paċe mietet waqt li kienet miexja l-kawża; u b'dekriet ta' l-14 ta' Lulju, 1998, l-atti ġew trasfużi f'isem Mary, Girolamo, u Francesco aħwa Paċe, ta' Brian Grima u ta' Rosaria armla ta' Antonio Paċe billi Antonio Paċe miet waqt li kienet miexja l-kawża

vs

Reverendu Henry **ABELA** O.P., bħala prokuratur tal-Kunvent ta’ San Duminku, Valletta; u b’dekriet tal-31 ta’ Mejju, 1991, issejjaħ fil-kawża Joseph Borġ f’isem is-soċjeta’ *Agrotec Industries Limited*

Dan huwa provvediment mogħti wara talba magħmula b’rikors imressaq mill-appellanti aħwa Paċe fis-26 ta’ Settembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti “kif presjeduta tirrikuża lilha nnifisha ai termini tal-Artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta” u biex tordna illi l-atti jintbagħtu sabiex jiġu assenjati quddiem Qorti oħra u b’hekk jiġi garantit lill-appellanti s-smiegħ xieraq ta’ dan l-appell;

L-appellanti ressqu dik it-talba wara li din il-Qorti, b’sentenza mogħtija minnha fit-2 ta’ Mejju, 2008, ħassret sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti fit-13 ta’ April, 2007, (li biha kienet laqgħet l-appell tal-istess appellanti) u ordnat it-trattazzjoni u s-smigħ mill-ġdid tal-appell;

L-appellanti jgħidu li, b’osservazzjoni magħmula minn din il-Qorti fl-imsemmija sentenza tat-2 ta’ Mejju, 2008, din il-Qorti esprimiet ruħha b’mod li “tinċidi fuq il-mertu proprju” billi timplika li l-art mogħtija b’donazzjoni kienet tagħmel minn biċċtejn u li t-tnejn kienu ngħataw lill-Kunvent appellat. Iżidu jgħidu li, b’dik l-osservazzjoni, jiġi li din il-Qorti fissret ruħha fuq il-mertu u ġabet fix-xejn il-provi skjaċċanti li nġiebu fil-kors tas-smigħ tal-kawża b’mod tali li l-appellanti “qatt ma jistgħu jiġu garantiti smiegħ xieraq”. L-appellanti jgħidu li dan jagħti lok ta’ rikuża għall-finijiet tal-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

B’Risposta mressqa fil-15 ta’ Ottubru, 2008, l-appellati lkoll flimkien warrbu l-ilment tal-appellanti u qalu li ma teżisti l-ebda raġuni li għaliha l-imħallfin li jagħmlu din il-Qorti għandhom jieqfu milli jkomplu jisimgħu l-appell. Jgħidu li l-appellanti qegħdin jabbużaw mir-regoli tal-proċedura biex jagħżlu huma l-ġudikanti li jixtiequ li quddiemhom jinstema’ l-każ tagħhom (*forum shopping*), u li r-raġuni mogħtija mill-appellanti bħala bażi tar-rikuża

mitluba ma jgħoddx fil-liġi ladarba l-osservazzjoni magħmula fis-sentenza tat-2 ta' Mejju, 2008, kienet tagħmel parti mir-raġunament li din il-Qorti riedet tagħmel biex turi għaliex kienet waslet għall-fehma li kien hemm lok li tħassar is-sentenza mogħtija fit-13 ta' April, 2007, u biex terġa' tisma' l-appell mill-ġdid;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar dan l-episodju waqt is-smigħ tal-20 ta' Novembru, 2008, u ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment dwar it-talba għar-rikuża;

***Ikkunsidrat:***

Qabel xejn, jidher li għalkemm l-appellanti jitolbu r-rikuża tal-Qorti "kif presjeduta", qiegħed jitqies li t-talba tirreferi għal kull wieħed mit-tliet imħallfin li jikkomponu din il-Qorti. Is-sentenza tat-2 ta' Mejju, 2008, kienet mogħtija kolleġjalment, u r-raġuni tar-rikuża mressqa mill-appellanti tirreferi għal u titnissel minn dik is-sentenza, jew aħjar minn osservazzjoni magħmula matulha;

Illi l-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

"*L-Imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża – ..... (d)(i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha, ..... Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definittivament il-mertu fil-kwestjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia*";

Illi s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-2 ta' Mejju, 2008, kienet waħda dwar jekk kellhiex titħassar is-sentenza tat-13 ta' April, 2007, fuq il-kawżali maħsuba fl-artikolu 811(e) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dik is-sentenza sabet li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza mogħtija fl-2007 fuq kull

waħda mill-imsemmija żewġ kawżali, u ordnat li l-appell jerġa' jinstema' mill-ġdid quddiemha;

Illi l-osservazzjoni fis-sentenza li dwarha l-appellanti ressqu t-talba tagħhom għar-rikuża tal-imħallfin li jifformaw din il-Qorti tgħid hekk: "*Hawnhekk jixraq li din il-qorti tosserva wkoll illi s-sentenza tat-13 t'April, 2007, ma tagħtix l-importanza mistħoqqa lill-fatt illi l-art mogħtija b'donazzjoni hija magħmula minn 'duas clausuras terrae insimul coniunctas'*". Dik l-osservazzjoni saret f'dik il-parti fejn kien qiegħed jitqies jekk tirriżultax il-kawżali tal-iżball (f'sentenza) li joħroġ mill-atti jew mid-dokumenti. Kienet riferenza għal wieħed mid-dokumenti proċesswali mressqin minn waħda mill-partijiet sa minn żmien qabel ma kienet ingħatat is-sentenza li tagħha ntalab (mill-appellanti) t-tħassir u s-smigħ mill-ġdid tal-appell;

Illi r-rikuża ta' ġudikant milli jisma' jew ikompli jisma' l-kawża hija rimedju proċedurali maħsub biex jiżgura s-smigħ xieraq lil parti f'dik il-kawża bit-tneħħija ta' parzjalita' min-naħa tal-persuna li quddiemha jkun qiegħed jinstema' l-każ. Huwa rimedju li jgħodd biss fiċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi u bħala eċċezzjoni għar-regola ewlenija li kull ġudikant li quddiemu jitressaq każ għandu jwettaq il-ġurament tiegħu u r-responsabbilta li jisma' u jaqta' dak il-każ u mhux ifittex skuża ħafifa biex ifarfar mit-twettiq ta' dmirijietu[1]. Hu rimedju li għandu jingħata biss wara li jirriżulta b'mod konkret, u mhux biss ipotetikament, li tassew raġonevolment u oġġettivament hemm jew jista' tassew ikun hemm lok ta' parzjalita' fil-ġudikant li jkun[2];

Illi bl-istess mod, filwaqt li jrid jitħares il-prinċipju li l-ħaqq irid isir u jidher li qiegħed isir (l-hekk imsejħa "imparzjalita' suġġettiva"), mhux kull suspett jew sensazzjoni ta' parti f'kawża dwar dak li tqis bħala okkażjoni ta' parzjalita' fil-ġudikant li quddiemha jkun tressaq il-każ tagħha għandha twassal biex tirnexxi t-talba għar-rikuża ta' dak il-ġudikant[3];

---

[1] Kost. **3.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)
[2] P.A. (Kost.) VDG **6.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)
[3] App. Krim. **23.1.2001** fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja*** (mhix pubblikata) u App. Krim. **15.11.2004** fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah***

Illi taħt il-kawżali tal-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12, tqies ukoll li kummenti magħmula minn qorti dwar provi mressqa, ma jwasslux tabilfors għar-rikuża tall-ġudikant(i) li jkun, imqar jekk "dawk il-kummenti kienu sfavorevoli għall-appellati u jirriflettu fuq il-mertu ta' din il-kawża preżenti, kieku *ex hypothesi* s-sentenza appellata tiġi revokata u jkun hemm lok li ssir id-diskussjoni u d-deċiżjoni ta' l-meritu"[4];

Illi din il-qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqa' l-istedina tal-appellanti u dan ukoll għaliex l-osservazzjoni msemmija minnhom kienet parti mill-motivazzjoni li għaliha waslet biex sabet li kienet radikata l-kawżali tal-iżball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti li taw lok għas-sentenza li tagħha hija ordnat it-tħassir u t-trattazzjoni mill-ġdid tal-appell;

Illi, minbarra dan, l-imsemmija osservazzjoni ma taqa' taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu msemmi mill-appellanti għaliex la hija parir, la trattazzjoni u lanqas xi kitba dwar il-kawża, kif tifhimha l-liġi. Fuq kollox, bi tħaddim tal-*proviso* tal-istess artikolu, s-sentenza li fiha tinsab l-osservazzjoni lamentata bl-ebda mod ma qatgħet definittivament il-mertu tal-kwestjoni bejn il-partijiet;

Illi l-fatt li din il-qorti qieset xi dokument (jew parti minnu) bħala siewi bl-ebda mod ma jfisser li hija rabtet minn issa l-fehma tagħha fuq l-eżitu tal-mertu tal-appell, lanqas li hija qiegħda tagħlaq it-triq li tisma' b'mod għal kollox oġġettiv dak li jistgħu jgħidu l-partijiet dwar dak id-dokument jew provi oħrajn proċesswali meta ssir it-trattazzjoni fil-mertu;

Illi lanqas ma jgħodd għall-każ tal-lum il-provvediment mogħti fil-kawża "***Refalo vs Azzopardi***"[5] imsemmi mill-avukat tal-appellanti waqt it-trattazzjoni tagħha quddiem din il-qorti u dan għaliex, filwaqt li fl-imsemmi provvediment kienet fissret il-fehma tagħha dwar meritu li ma ddeċidietx, fis-sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-2 ta' Mejju, 2008, kulma ġie deċiż hu jekk kienx hemm

[4] App. Ċiv. **6.11.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Gatt et*** (Kollez. Vol: **LI.i.456**)
[5] AJM **22.5.2002**

raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza tat-13 t'April, 2007, u terġa' tisma' t-trattazzjoni tal-appell mill-ġdid;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad l-eċċezzjoni tar-rikuża min-naħa tal-appellanti** bl-ispejjeż kontrihom, u tordna l-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------